MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 156/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Agius)
vs.
Carmelo Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. fid-29 ta’ Settembru, 2006, ghal habta ta’ 12:30hrs, waqt incident tat-traffiku fi Triq tal-Barrani gewwa z-Zejtun, instab li f’dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta’ qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depositat ghandu u/jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar kompluta b’zewg ballal, jigifieri; pistola semi-awtomatika, tal-marka RGA Rigarmi manifatturata l-Italja, kalibru 25 auto / 6.35mm, minghajr numru tas-serje, w zewg ballal ta’ kalibru 0.25, meta kien jaf l-importazzjoni u l-pussess taghhom huwa pprojbit

u/jew ristretti u/jew limitati, u li ghandhom valur totali ta' Lm25.20.0, dazju dovut ta' Lm0.80.5 u wkoll taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T.) li jammonta ghal Lm4.68.0, fejn liema dazju u taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-art 60(a) (b) (c) (k), 62(a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-Att XXIII tal-1998 dwar it-Taxxa fuq valur Mizjud (V.A.T.) Kap 406, tal-Ligijiet ta' Malta.
2. fl-istess jum, lok u cirkostanzi, importa u/jew dahhal gewwa Malta u jew zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu l-istess arma tan-nar, u munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr licenzja taht l-Att tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, bi ksur tal-Art 5(1) u (2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Marzu, 2007 li biha wara li rat l-artikoli 60, 62, proviso Artikolu 62 tal-Kap. 37, l-Artikolu 80 tal-Kap. 406, l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Kap. 480, fuq ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-appellat, ikkundannatu komplessivament xahar prigunerija w multa ta' LM32.30. Fir-rigward tal-prigunerija, applikat l-Artikolu 28A tal-kap. 9 u ssospendieta ghal sena, oltre li ordnat il-konfiska ta' l-arma.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 t'April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u fejn ordnat il-konfiska ta' l-arma, w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena w multa ta' LM32.30, u minflok tinfliggi multa fl-ammont ta' erba' mitt lira w piena ta' prigunerija effettiva.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe' :
1. li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghar-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur

Mizjud, u cioe’ l-multa ta’ LM32.30 hija manifestament inqas mill-minimum prospettat ghar-reati li taghhom instab hati Carmelo Farrugia. Fil-fatt skond l-artikolu 62 ta’ l-imsemmija Ordinanza, min jinstab hati ta’ wiehed mir-reati msemmija fil-paragrafi ta’ l-istess artikolu, jehel multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta’ dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew mitejn u hamsin lira, skond liema jkun l-akbar. Ghalhekk galadarba l-komputazzjoni skond l-istess artikolu kienet ta’ inqas minn mitejn u hamsin lira, l-Qorti tal-Magistrati kellha bilfors timponi multa f’dan l-ahhar ammont. L-artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jipprospetta l-istess modalita’ ta’ piena fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur mizjud, izda f’ammont ta’ mija w hamsin lira meta l-komputazzjoni tkun inqas minn dak l-ahhar ammont. Ghalhekk, il-multa komplessiva li kellha tigi mposta f’dan il-kaz kienet dik ta’ erba’ mitt lira w mhux ta’ LM32.30.

2. li l-piena erogata ghar-reati taht l-Att dwar l-Armi – xahar prigunerija sospizi ghal sena – hija wkoll inqas mill-minimum prospettat ghal dawk ir-reati. Qabel xejn ghandu jigi rilevat li l-appellat gie akkuzat b’zewg reati taht l-Att dwar l-Armi, (i) ir-reat kontemplat fl-artikolu 5(2), u (ii) ir-reat kontemplat fl-artikolu 5(1) ta’ dak l-Att. Illi skond l-artikolu 51(3) ta’ l-Att dwar l-Armi, min jikkommetti r-reat kontemplat fl-artikolu 5(2) jehel il-piena ta’ prigunerija ghal mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn hames snin. Skond l-artikolu 51(2) min jikommetti r-reat kontemplat fl-artikolu 5(1) jehel il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tlett xhur u mhux izjed minn hames snin. Ghalhekk, il-piena ta’ xahar prigunerija (sospiza) hija manifestament u inspjegabilment taht il-minimum prospettat mill-ligi.

3. li minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, li dan huwa kaz gravi li jimmerita piena li tkun izjed vicin tal-massimu tal-piena milli lejn il-miniumu. Dan huwa kaz ta’ persuna li fi triq pubblika kienet qed iggorr arma tan-nar b’zewg balal go fiha, u dan minghajr id-debiti licenzji. Dak li jirrendi l-kaz izjed gravi huwa l-fatt li l-appellat instab hati diversi drabi ta’ reati simili. Ghalhekk il-piena ta’ prigunerija effettiva kienet tkun izjed indikata fic-cirkostanzi kemm oggettivi kif ukoll soggettivi tal-kaz.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu illi l-multa f'dan il-kaz kellha tkun wahda ta' mitejn u hamsin lira Maltin u li l-minimum tal-prigunerija applikabbli skond l-artikolu 51(3) tal-Kap. 480 kienet wahda ta' mhux inqas minn sitt xhur prigunerija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Agius illi ddikjara illi l-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti m'ghamlet ebda talba ghal piena partikolari u li sa fejn jaf hu lanqas biss issemmiet kwistjoni ta' "suspended sentence" jew le.

Rat is-sentenzi taghha ricenti dwar appelli ta' l-Avukat Generali li jkunu jirrigwardaw biss il-piena w l-insenjament li johrog minnhom.

Tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-multa ta' LM32.30 u kkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena w minflok tikkundannah ihallas multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) li jekk ma jithallsux, jigu konvertiti f'hamsin gurnata prigunerija w tikkundannah ukoll ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija w, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidholx in effett sakemm fi zmien erba' (4) snin mill-lum, l-appellat ma jergax jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm il-prigunerija.

Il-Qorti qed tfiehem bi kliem car l-obbligazzjoni tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 lill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------